# ĦJIEL TA' STORJA DWAR L-ORGNI TAL-PARROĊĊA

*Kitba tas-Sur Charles Galea Scannura*

Minn żminijiet l-aktar qodma fil-liturġija kienet tingħata importanza lill-mużika. Bħala radd ta' ħajr kienu jitkantaw salmi, innijiet u kantiċi spiritwali. Fi żminijiet bikrija tal-knisja kont issib l-iskola tal-kant u l-post tal-kant li f'pajjiżna narawh fil-gallerija fuq il-bieb ewlieni tal-knisja. Id-daqq ta' l-orgni u l-mużika fil-ħajja tal-parroċċa f'Bormla għandhom ukoll l-istorja tagħhom.

Il-kant u d-daqq ta' xi strumenti kont issibu wkoll jakkompanja fil-proċessjonijiet. P.P. Castagna, li kiteb fis-seklu l-ieħor, jgħid li fil-proċessjoni kien isir il-kant **falso bordone** - jalternaw bejn polifoniku u gregorjan - bl-akkompanjament ta' vjolinċell u xi vjolini. F'Bormla nsibu riferenzi li juru li dan kien jiġri f'xi proċessjonijiet importanti. B'mod partikulari għall-mużika fil-knisja, niltaqgħu mad-daqq ta' l-orgni.

Fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Balaguer ta' l-1653, jingħad li kien sar xi restawr tal-knisja u fuq il-bieb prinċipali kien hemm gallerija bl-orgni. Tagħrif dwar id-daqq ta' l-orgni jissemma f'okkażjonijiet aktar tard. L-Isqof Cocco Palmieri, li kien ħeġġeġ biex il-bini tal-knisja kif nafuha llum jitlesta, innota kif kienet iċċelebrata l-festa tal-Kunċizzjoni u f'Jannar 1700 jirraporta li fil-knisja kien hemm orgni ġdid ("noviter confectum"). Fuq nett kellu l-arma ta' l-Isqof u dak iż-żmien il-kant gregorjan kien fdat f'idejn Dun Ġwann Batta Busuttil.

Fl-1715 l-Isqof Cannaves innota li l-organista kien Dun Ġwann Anton Schembri. Fit-28 ta' Mejju 1739 meta l-Isqof De Bussan ħa sehem fil-proċessjoni tal-festa ta' Corpus Christi, bil-kant mużikali tul it-triq, jissemma Dun Fortunat DeMarco. Dan kien serva taħt id-direzzjoni ta' **maestri di cappella** tal-Katidral u peress li l-ieħor kien marid, talab li jidħol minfloku bl-obbligu li jagħtih nofs il-qliegħ tal-pagamenti. Dan baqa' jservi ta' organista għal bosta snin. Jissemma fl-1759 meta majjistru tal-kor kien hemm Dun Feliċjan Farrugia. Fl-1746, DeMarco kkompona "Dixit Virga Virtutis" għall-orgni.



L-Orgni tal-Parroċċa li sar fl-10 ta' Ottubru 1862

Persunaġġ magħruf marbut mal-parroċċa hu Dun Mikiel Anġ Vella (1710 - 1792). Kien

twieled l-Isla, ġie ordnat saċerdot f'Napli fl-1734 u wara li ġie lura Malta fl-1738 kiseb fama kbira bħala kompożitur, maestro di cappella, organista u għalliem. Fost l-allievi tiegħu kien hemm Salvatore Magrin. F'Marzu 1762, Vella talab lill-Isqof Rull jinnominah maestro di cappella ta' Bormla wara l-mewt ta' Dun Fortunat DeMarco. Dun Feliċjan Farrugia ma kienx meqjus kapaċi daqsu, u għalhekk l-Isqof laqa' t-talba ta' Vella fl-1763. Dun Mikiel Anġ Vella sar maestro di cappella permanenti ta' Bormla fejn mar joqgħod ħabta ta' l-1776.

Fl-Arkivju tal-Parroċċa għad hemm preservati xi kompożizzjonijiet ta' Vella. Fost dawn hemm Litaniji, "Libera me Domine" u antifona "Salve Sancte Parens" għall-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Vella miet f'Bormla u ġie midfun fil-parroċċa fil-25 ta' Diċembru, 1792.

Francesco Salvatore Magrin, OSH, kien kappillan konventwali ta' l-Ordni ta' San Ġwann u baqa' jgħix f'Bormla wara li kienu telqu l-Kavallieri. Baqa' magħruf ukoll bħala maestro di cappella ta' Bormla u b'mod partikulari bħala kompożitur ta' mużika sagra marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa. Ħafna mill-kompożizzjonijiet tiegħu għadhom konservati fl-Arkivju tal-parrocca. Hemm Responsorji tal-Ġimgħa Mqaddsa, "Tantum Ergo", "Dies Irae", Responsorji ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u kitbiet oħra. Organista ieħor magħruf kien Andrea Schembri li jissemma fl-1830 u li nsibu riferenzi partikulari għalih fiċ-ċelebrazzjonijiet tad-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira tas-snin 1842 u 1843. Fost xogħlijiet tiegħu li għad hemm fl-arkivju tal-parroċċa, hemm antifona "Sancta Maria Succurre Miseris", "Responsori dei Morti" (1846) u "Dominum ad adiuvandum".

Sadattant jidher li mal-1860 kien qiegħed jitħejja proġett mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata biex isir orgni ġdid. Fl-10 ta' Ottubru 1862 il-knisja kienet imżejna mhux biss b'irħam u nduratura, iżda wkoll bit-tqegħid ta' orgni ġdid li kien inħadem Ruma. F'rapport kontemporanju nsibu li għadd ta' surmastrijiet tal-mużika kienu nġabru biex jippruvawh meta saret it-tifkira tad-dedikazzjoni tat-tempju. Dawn setgħu japprezzawh bil-kant u l-akkompanjament fuq mużika fil-Quddiesa ta' Mercadante.

Fil-kritika li saret, ġew imsemmija l-perfezzjoni tal-mekkaniżmu, is-sempliċità, aġilità tat-tasti u r-reġistru, u l-inġenji li jħaffu x-xogħol ta' l-organista. L-opra kollha kienet meqjusa bħala xi ħaġa sabiħa, orgni eżatt u ma jonqsu xejn b'akkordatura perfetta u naturalezza ta' varjetà ta' strumenti bħall-flawt, ottavin, vjola li lanqas kienu jidhru qishom imitazzjoni tant li fil-gazzetta "**L'Ordine**" ta' l-24 ta' Ottubru 1862, kritiku kkummenta li kont tħoss li tista' tisma' mill-kuntrabaxx sat-tremolin tal-korda tal-vjolin.

Għalhekk ġew imfaħħra Natale Morelli li għamlu u Luigi Amore li kien inkarigat mill-Kapitlu biex jagħżel l-artist. Fost il-mużiċisti li eżaminawh kien hemm Nani u Bugeja. Il-kritiku li semmejt, stqarr hekk, "...a noi pare pertanti essere gl'interpreti del sentimento pubblico dichiarando il nuovo organo il primo tra i pochi buone del nostro paese". Il-Bormliż Michele Grech Taylor li ġabar xi tagħrif kontemporanju fl-1924-25, kiteb li kien ġie jiswa £583.6s.8d.

Kien bir-raġun li fl-1862 fil-parroċċa kellhom x'jiffesteġġjaw. F'Mejju u Ġunju kienu għamlu festi speċjali "ċentinarji" tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni. Dak in-nhar maestro di cappella kien hemm Mro Filippo Bugeja li laħaq flok ħuh Vincenzo. F'Diċembru kellhom il-kappella u l-kwadru ta' Sant'Andrija restawrati;

żewġ anġli ġodda ta' Vincenzo Bonnici bdew iżejnu l-mant ta' l-istatwa tal-Kunċizzjoni wara li kienu ġew esposti fis-sala tal-Biblijoteka. L-orgni ndaqq għall-ewwel darba għall-festa. Il-mużika tan-novena u l-festa kienu ta' Bugeja. U kienu wkoll żdiedu fit-tiżjin tat-toroq b'arkati ġodda fi Triq San Ġorġ, tiżjin ġdid fi Triq Santa Tereża u dwal fi Triq San Pawl.

Il-parroċċa ta' Bormla kellha tradizzjoni ta' organisti u maestri di cappella magħrufa. Fl-epoka tas-snin 1880 - 1990 kien hemm imexxu l-mużika Paolo Nani u warajh Antonio Nani. Qassis partikulari li kien idoqq l-orgni kien Dun Amabile Sisner (1854 - 1923). Kien poeta u mużiċist li kiteb għadd ta' Innijiet, fosthom l-Innu Antifona ta' San Ġużepp, "Tantum Ergo" u Gradwal ta' l-Immakulata.

Wieħed mill-aktar Bormliżi magħrufa kien il-kompożitur Paolino Vassallo (1856 - 1923) li kien maestro di cappella ta' Bormla, il-Birgu, l-Isla, Ħal Qormi u xi parroċċi oħra, l-Isqof Pace kien għażlu maestro di cappella tal-Katidral. Kien kompożitur li l-fama tiegħu ħarġet 'il barra mix-xtut tal-gżejjer Maltin. Kien ukoll wieħed li ried jimxi mar-regoli tal-knisja fl-addattament tal-mużika għal-liturġija. Il-Papa Piju X kien ħareġ Motu Proprio sabiex il-mużika tal-knisja tkun addattata għal-liturġija. Il-mużika tat-teatru kienet barra minn postha u quddiesa kienet iddum wisq u titlef l-għan tagħha. L-Isqof Pace ried jimplimenta l-istruzzjonijiet u Vassallo kien ta' l-ewwel li segwa dan, għalkemm sab min jikkritikah. Fl-1907 kien sar rikors dwaru u aktar minn 1087 kienu ffirmaw petizzjoni biex fil-knisja jimxu mal-Motu Proprio tal-Papa u l-mużika tkun fdata f'idejn Paolino Vassallo. F'Bormla mxew ma' dan: per eżempju f'April 1921 fil-quddiesa ta' San Ġużepp indaqqet mużika ġdida ta' Paolo Vella skond il-motu proprio.


Mro. Paolino Vassallo 1856-1939

Rabta partikulari ma' Bormla kellu s-surmast Carlo Diacono (1876 - 1942). Wara Vassallo sar ukoll maestro di cappella tal-parroċċa, barra li segwieh bħala surmast tal-Banda San Ġorġ. Wara l-mewt ta' Vassallo, hu wkoll inħatar maestro di cappella tal-Katidral fl-1923. Diacono kien kompożitur mill-aktar prolifiċi ta' mużika sagra. Magħruf li kkompona ħamsa u erbgħin quddiesa kantata, tnejn u għoxrin quddies tal-mejtin, quddiesa msejħa tat-trombi li tindaqq fil-Kunċizzjoni u li fiha l-kompożizzjoni msemmija "Laudate Pueri", għadd ta' għosrien u innijiet, oratorji u antifoni. Fost dawn, magħrufin sew l-"Inno alla Immacolata" u l-antifona popolari "Hodie Egressa" li kkompona fl-1923.

Ma' dawn jissemmew oħrajn li ġew warajhom. Michael Camilleri li ngħata l-ħatra uffiċjalment bħala organista tal-parroċċa fl-1986, qed ikompli din it-tradizzjoni twila.

Din it-tradizzjoni wasslet biex fil-parroċċa nħoloq u kiber arkivju tal-mużika. Jindika wirt kulturali ieħor li


Mro Carlo Diacono li fl-1912 ikkompona l-Innu l-Kbir, Innu lill-Kunċizzjoni; kliem ta' M.R. P. Cuschieri.

għandha Bormla. Fl-arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina hemm miġbura mija u sitta u tletin kopja ta' kompożizzjonijiet ta' mużiċisti differenti meħuda minn hawn. Dawn jitfgħu dawl fuq l-istorja mużikali u l-ħajja tal-parroċċa. Hemm xogħlijiet ta' Fra Ġużeppi Vivieni, aktarx ta' l-1710, Don Pasquale Costa u Don Pietro Gristi (1696 - 1783). Dan ta' l-aħħar studja f'Napli u xogħlijiet tiegħu għadhom ippreservati fl-Arkivju tal-parroċċa. Fosthom hemm "Messe Breve" bl-użu ta' trombi u orgni u vuċijiet, "Beatus Vir" u "Nisi Dominus". Barra xogħlijiet oħra ta' awturi, uħud anonimi tas-sekli tmintax u dsatax, hemm ta' Michele De Ferraris, Ġużeppi Burlon, Saverio Mifsud u Emmanuele Muscat.

Kollox jindika li fi ħdan il-parroċċa kiber wirt kulturali u reliġjuż ieħor li kompla jikkaratterizza lill-komunità Nisranija u jiddistingwiha. Għalhekk meta wieħed iħares lejn il-faċċata tal-gallerija ta' l-orgni u jinnotaha bix-xogħlijiet artistiċi li jżejnuha, irid jiftakar li hawn għandna monument ieħor tal-wirt mużikali Bormliż. Xieraq li napprezzawh, ngħożżuh u nieħdu ħsiebu. B'hekk tkompli tiġġedded u tiżżejjen l-azzjoni liturġika fil-festi li jsiru.

VELMOR

BOOKS

A NEW SHOPPING PLACE
PAOLA

STATIONERY

PERFUMES

GIFTS

HI-FI

GAMES, PUZZLES
& MODELS

TOBACCO
& CIGARS

CARDS

MAGAZINES

LUGGAGE, CASES, BAGS
& LEATHER GOODS

POSTERS, PRINTS,
& FRAMES

A Shop of Exclusive style & Service

Friends Aluminium

*For all type of Aluminium
and Iron Works*

Xgħajra Road, Żabbar

Tel: 312560, 692111 Mobile: 097 1203